MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 340/2007

**Joseph Sultana (ID 806838 M) segretarju in rapprezentanza ta' The White House Owners' Association**

**Vs**

**Constantine u Concetta konjugi Mallia**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf u erba u sebghin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1074.36) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut dovut skond ir-regoli tal-Owner's Association, li taghha l-konvenuti huma membri, in konnessjoni mal-fond tal-konvenuti li jinsab fill-kumpless White House fi Triq id-Duluri San Pawl il-Bahar u dan skond l-att ta' akkwist tal-

istess fond. L-ammont mitlub ikopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar, 2002 sat- 30 ta' Gunju, 2007;

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali;

Ra li l-konvenuti baqaw ma  pprezentawx Risposta ghalkemm debitament notifikati;

Ra l-Kapitolu pprezentat minn Dr Claudine Zarb LL.D. fit-28 ta' Mejju, 2007;

Ra li l-konvenuti naqsu li jikkontestaw il-Kawza;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------